**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 04 ta' Diċembru 2024**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 34/2023**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Carina Louise Azzopardi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 34 tas-sena 2023 kontra Carina Louise Azzopardi akkużata:

> **Fl-Ewwel u l-Uniku Kap** talli, personalment u fil-kapaċita tagħha ta' segretarja u rappreżentanta legali u uffiċjal tal-kumpaniji JF Security Services C26649, JF

Group C74013, JF Services Cleaning Ltd, JF Staffing Ltd C74017, JF Security and Consultancy Services Ltd C13768, JF Logistics Ltd C26650, JF Services Ltd C26648, JF Investments Ltd C74018, nhar it-2 ta' Marzu tas-sena 2018, u fil-ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzjoni waħda, bi vjolenża jew theddid inkluż serq tal-persuna, qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influwenza jew pressjoni, billi tat jew irċeviet ħlasijiet jew benfiċċji sabiex tottjeni l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna oħra, u/jew b'abbuż ta' poter jew ta' posizzjoni ta' vulnerabilta', ittraffikat persuni tal-età bil-għan li dawk il-persuni jiġu sfruttati, bl-involviment ta' xi għaqda kriminali bħala korp magħqud tal-imsemmija kumpaniji u fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 83A(1)(4) u 121D rispettivament u/jew saret kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AC(2); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' mhux inqas minn sitt (6) snin u mhux iktar minn tletin (30) sena priġunerija kif ukoll multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf ewro (€20,000) u mhux iktar minn żewġ miljun ewro (€2,000,000) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 248A(1)(a)(e)(2)(3), 248E(1)(2)(b)(c)(e)(3)(4A), 83A(1)(4), 208AC(2), 17, 18, 23, 23A, 31, 121D u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużata Carina Louise Azzopardi

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużata fit-13 ta' Settembru 2023 fejn eċċepiet:

i. Illi fl-ewwel lok, in-nullita tal-att ta' akkuża in kwantu qiegħda tipprospetta fil-konfront tal-eċċipjent il-pieni ravizati fl-Artikolu 121D tal-Kap. 9 (inkluż l-Artikolu 248BE tal-Kap. 9 u dana stante illi talli pieni, se mai, kienu jkunu applikabbli kieku f'dawn il-proċeduri kienet qed tiġi addebita responsabilita penali fil-forma ta' *corporate criminal liability*.

ii. Illi fit-tieni lok, l-Artikolu 248E(4A) tal-Kap 9 ukoll ma ssib ebda applikabbilita' f'dawn il-proceduri.

iii. Illi fit-tielet lok, in-nullita' tal-att ta' akkuża stante li fil-parti espożittiva mkien ma jirrizulta illi l-eċċipjent wettqet l-atti msemmija fl-Artikolu 83A tal-Kap. 9.

iv. Illi fir-raba' lok, l-Artikolu 83A(4) tal-Kap 9 ma jsib ebda applikabbilita f'dawn il-proceduri.

v. Illi fil-ħames lok, n-nullita' tal-att ta' akkuża stante li fil-parti espożittiva mkien ma jirriżulta dak dispost fl-Artikolu 248E (2)(b), (c) u (e) tal-Kap. 9.

vi. Illi fis-sitt lok, l-inammissibilita tal-istqarrija meħuda waqt il-kors ta' interrogazzjoni tal-eċċipjent u kwalsiasi referenza għall-istess stante li tali stqarrija ttieħdet mingħajr ma l-istess eċċipjent ingħatat d-dritt tal-assistenza legali u mingħajr ma ngħatat d-dritt ta' *disclosure*.

vii. Illi finalment, jiġi relevat li l-esponent għandha l-i*status* ta' *whistleblower* permezz ta' *external disclosure* li għamlet mal-*Ombudsman* fit-termini tal-Kap 527 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3**. Rat il-verbal tas-seduta tat-08 ta' Frar 2024 fejn l-Avukat Ġenerali ddikjara illi fir-rigward it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sollevati mid-difiza, kien qieghed jirtira l-Artikolu 83A, kif ukoll l-Artikolu 83A(4) u dan stante li ma jsibu l-ebda applikabbilita' f'dawn il-proceduri. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, l-akkużata irtirat t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sollevati minnha.

4. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-09 ta' April 2024 li permezz tagħha ċaħħdet l-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużata Azzopardi. Astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet stante li dawn ġew irtirati mid-difiża, kif ukoll astjeniet milli tieħu konjizzjoni tas-seba' eċċezzjoni stante li ddikjarat li din mhijiex eċċezzjoni preliminari.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużata Carina Louise Azzopardi fil-15 ta' April 2024 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tikkonferma is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn hija astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' eċċezzjoni u fejn ċaħdet il-ħames u s-sitt eċċezzjoni, iżda tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn kienu miċħuda l-ewwel u it-tieni eċċezzjonijiet preliminari imressqa minnha, u/jew tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni.

**6**. Rat illi għalkemm ordnat jippreżenta ir-risposta tiegħu, l-Avukat Ġenerali naqas milli jagħmel dan fit-terminu lilu konċess.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9.** Illi l-appell imressaq mill-akkużata Carina Louise Azzopardi huwa ċirkoskritt għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienu miċħuda l-ewwel u it-tieni eċċezzjonijiet preliminari sollevati minnha u dan għaliex fil-fehma tagħha il-Qorti Kriminali għamlet enunċjazzjoni skorretta u nkompleta tal-ipoteżi tal-liġi regolanti il-kunċett tar-responsabbilta' vikarja u dak tal-hekk imsejjaħ *corporate criminal liability*. Tilmenta l-appellanti illi l-piena indikata mill-Avukat Ġenerali fil-parti akkużatorja ta'l-Att ta'l-Akkuża, liema piena tista' tkun erogata fil-konfront tagħha f'każ ta' sejbien ta' ħtija għall-uniku kap fl-akkuża, ma hijiex dik ikkontemplata fil-liġi fil-vesti li fih hija ġiet mixlija. Fil-fehma tagħha, ġaldarba l-ebda mis-soċjetajiet kummerċjali minnha rappreżentati ma kienet mixlija bil-kummissjoni tar-reat ta' traffikar tal-persuni, kwindi il-piena ravviżata fil-konfront tal-korp ġuridiku, misjub ħati ta' kummissjoni ta' reat kif stipulat fl-artikolu 121D u 248E(4A) tal-Kodiċi Kriminali, ma tistax tkun komminata fil-konfront tagħha u dan għaliex il-liġi hija ċara illi l-kundanna tista' ssir biss fil-konfront tal-korp magħqud u mhux fil-konfront tagħha personalment. Tilmenta b'mod speċifiku minn dik il-parti fl-Att ta'l-Akkuża fejn hemm indikat illi hija tista' teħel il-piena tal-multa ta' mhux anqas minn €20,000 u mhux aktar minn €2,000,000 u fejn l-Avukat Ġenerali qed jitlob li jkunu applikati s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 248E(4A) tal-Kap.9. Dawn huma pieni u sanzjonijiet, tikkontendi l-appellanti, li għalihom jista' jiġi kkundannat il-korp magħqud, kif tindika id-diċitura tad-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 121D u 248E(4A) tal-Kap.9. Errat il-Qorti Kriminali, l-appellanti issostni, meta ikkonkludiet illi f'dan l-istadju hija ma tistax tiddeċiedi jekk il-pieni ravviżati f'dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi japplikawx o meno għaliex, fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt jiddependi mill-provi li jinġiebu fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Tikkonkludi l-appellanti illi anke jekk din il-Qorti tasal għal

konklużjoni illi dan in-nuqqas ma jwassalx għan-nullita' fl-Att ta'l-Akkuża, xortawaħda hija għandha is-setgħa, bis-saħħa ta' dak dispost fl-artikolu 597(1) u 599(2) tal-Kodiċi Kriminali, illi tordna l-korrezzjoni meħtieġa.

**10**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk l-ewwel u it-tieni eċċezzjonijiet:

**Din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tghid jekk il-pieni hekk kif ravizati fl-Artikolui 121D u 248E(3) tal-Kodici Kriminali japplikawx o meno ghal kaz odjern, ghaliex dan jiddependi mill-provi li ghandhom jingieghbu f'dawn il-proceduri u cioe' fic-celebrazzjoni tal-guri. Madankollu, anke jekk ikun il-kaz li tali pieni ma japplikawx, zgur li dan ma jwassallx ghan-nullita' tal-att t'akkuza u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzata qeghda tigi michuda.**

**….**

**Illi l-Artikolu hekk kif sucitat[1] jistipula li ir-reat irid ikun gie mwettaq ghall-benefiċċju, fl-intier tiegħu jew f'parti minnu ta' korp magħqud. In-narrativa tal-att t'akkuza ma torbotx u ghalhekk jekk ir-reat ġiex imwettaq ghall-beneficcju ta' korp maghqud jiddependi mill-provi prodotti waqt il-guri. Ghaldaqstant l-applikabbilta' o meno ta' dan l-artikolu zgur ma tistax tigi deciza f'dan l-istadju u dan ghaliex kollox jiddependi mill-ezitu tal-guri. Ghaldaqstant, din ir-t-tieni eccezzjoni wkoll qedgha tigi respinta**

**Ikkunsidrat:**

**11**. Illi llum il-Kodiċi Kriminali fil-każ ta' certu reati, jipprevedi ir-responsabbilta' kriminali diretta lejn il-korp magħqud u dan meta bl-Att III ta'l-2002 kien introdott il-kunċett ta' ***corporate liability*** li fl-artikolu 121D jipprovdi testwalment:

**"Meta reat … ġie mwettaq minn persuna li dak iż-żmien tal-msemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza ta' dak il-korp jew li jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat imsemmi li dwaru tkun instabet ħatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud li jista' jeħel il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata**

[1] B'referenza għal-artikolu 248E(4A) tal-Kodiċi Kriminali

**bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."**

Dan il-kunċett huwa reż applikabblil ukoll fil-każ tar-reat ta' traffikar tal-persuni kif hemm maħsub fl-artikolu 248E(3) tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla s-sanzjonijiet ravviżati fl-artikolu 248E(4A).

**12.** Illi dan ifisser illi, kuntrarjament għal dik ir-responsabbilta' vikarja imqiegħda fuq spallejn id-direttur ta' korp maghqud, li titkellem dwarha l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni[2], fejn allura f'każ ta' sejbien ta' ħtija u imposizzjoni ta' piena din tigi inflitta fuqu u għandha tkun skontata minnu personalment, anke f'kaz ta' piena pekunjarja, il-kunċett legali ntrodott permezz ta' din id-disposizzjoni tal-liġi issa titkellem dwar il-***corporate liability***, fejn għalkemm ir-responsabbilta' penali titqiegħed fuq spallejn persuna fiżika, madanakollu l-piena pekunjarja hija imputabbli lil-korp magħqud, liema penali hija meqjusa bħala dejn ċivili u titolu eżekuttiv fil-konfront ta' dak il-korp magħqud. Jikkonsegwi għalhekk illi huwa biss il-korp magħqud illi jista' jkun ikkundannat għal piena indikata fid-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu dwar ir-responsabbilta' penali tal-korp magħqud.

**13**. Illi l-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża minnu redatt jindika fl-okkju biss lil Carina Louise Azzopardi, għalkemm, imbagħad, fil-parti akkużatorja jindika li din qed tkun mixlija f'isimha personali u fil-kapaċita tagħha ta' segretarja u rappreżentanti legali u uffiċjali tal-kumpaniji JF Security Services, JF Group, JF Services Cleaning Ltd, JF Staffing Ltd, JF Security and Consultancy Services Limited, JF Logistics Ltd, JF Services Ltd, JF Investments Ltd. Meta jasal biex jindika liema hija il-piena li tista' tkun erogata fil-

---

[2] Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xiAtt, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kul lpersuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat

konfront ta'l-appellanti, iżda, jitlob li din tkun ikkundannata personalment fit-termini ta'l-artikolu 121D u 248E tal-Kodiċi Kriminali, fejn ma jindikax id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249. Issa huwa evidenti minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi illi l-appellanti *qua* akkużata ma tista' qatt tkun ikkundannata tali piena billi l-liġi hija ċara li huwa biss il-korp magħqud illi jista' jeħel din il-piena.

**14**. Illi għalkemm il-kunċett tal-*corporate liability* issa ilu introdott fil-ligi tagħna għal fuq minn għoxrin sena, huwa minnu illi dan il-kunċett mhux dejjem huwa faċilment applikat. Dan ghaliex billi r-reita' fil-kamp penali tinneċċesita kemm l-att materjali kif ukoll l-att formali huwa allura kważi impossibbli li jkun ikkonċepit kif il-persuna legali, u mhux fiżika, tista' qatt tifforma xi intenzjoni biex tikkometti xi reat minn dawk li għalihom japplika dan il-kuncett tal-*corporate criminal liability*. Fil-fatt, anke il-piena li tiġi inflitta trid tkun waħda pekunjarja billi dik tal-priġunerija neċessarjament tinvolvi l-persuna fiżika. Il-liġi, madanakollu, timponi ċertu kondizzjonijiet qabel ma l-Qorti tkun tista' tgħaddi għal kundanna fil-konfront tal-korp magħqud billi jrid ikun ippruvat illi l-att materjali imwettaq neċessarjament mill-persuna fiżika vestita bir-rappreżentanza tal-kumpanija jkun sar għal benefiċċju uniku ta' dak il-korp magħqud. Illi imbagħad l-artikolu 248E tal-Kap. 9 iwessa' l-aġir inkriminatorju meta jindika illi s-sejbien ta' ħtija għar-reat ta' traffikar ta' persuni fil-konfront tal-korp magħqud jista' jseħħ jekk ikun ippruvat illi dan kien kommess minn persuna impjegata jew xort'oħra fis-servizz ta' korp magħqud, r-reat sar għall-benefiċċju, f'parti jew għal kollox, ta' dak il-korp magħqud, u finalment jekk ir-reat seta' jsir minħabba n-nuqqas ta' sorveljanza jew kontroll ta' xi persuna li għaliha hemm riferenza fl-artikolu 121D. Jekk dan ikun ippruvat allura il-korp magħqud jeħel il-piena tal-multa u ukoll s-sanzjonijiet ikkontemplati fis-sub-inċiż 4A tal-artikolu 248E, bil-liġi tispeċifika illi <u>huwa il-korp ġuridiku li jkun soġġett għal dawk is-sanzjonijiet</u> u mhux il-persuna fiżika li tkun qed tidher għan-nom ta' dak il-korp ġuridiku. Mhux biss, iżda, meta l-persuna fiżika mixlija ma tkunx għadha vestita bir-rappreżentanza legali, għall-finijiet tal-artikolu 121D, ir-rappreżentanza legali għandha tiġi vestita fil-persuna li tkun qed tokkupa l-kariga minflokha.

**15.** Illi, inoltre, kuntrarjament għal kundanna fit-termini ta'l-artikolu 13 tal-Kap.249, li trid issir neċessarjament kontra l-persuna fiżika, uffiċjal tal-korp magħqud, il-piena inflitta taqa' f'hogor dik il-persuna, fil-każ tar-responsabbilita' tal-korp magħqud, il-piena tingħata fil-konfront tal-persuna legali u mhux dik fiżika, fejn l-uffiċjal allura ma jwegibx personalment għall-aġir inkriminatorju. Ukoll, meta l-persuna fiżika tkun akkużata fil-vesti vikarja tagħha, hija tista' teżimi ruħha minn tali responsabbilita' billi turi, u dan fuq bażi ta' probabbilita, illi tkun eżerċitat id-diliġenza meħtieġa għall-kariga minnha okkupata u tkun għamlet dik is-sorveljanza meħtieġa fil-qadi ta' dmirijietha sabiex tara illi ma jsir l-ebda att jew omissjoni doluż. Ma jidhirx, madanakollu illi bl-istess mod il-korp maghqud jista' isib il-konfort ta' din l-iskużanti taħt l-artikolu 121D, u jkun biżżejjed illi l-prosekuzzjoni tipprova illi r-reat ikun seħħ għal benefiċċju tal-kumpanija sabiex tigi stabbilita r-reita' f'dak il-korp magħqud.

**16**. Mela, filwaqt illi fil-każ tar-responabbilta' vikarja il-persuna mixlija bil-kummissjoni tar-reat fil-kapaċita' rappreżentattiva tagħha qed tkun misjuba ħatja għan-nom tal-kumpanija, fil-każ tar-responsabbilta' tal-korp magħqud, l-att materjali kostitwenti r-reat, li neċessarjament ikun mwettaq mill-persuna fiżika, jitqies illi sar mill-kumpanija. Ifisser għalhekk illi l-att inkriminatorju huwa attribwibbli direttament lill-kumpanija meta dak l-att ikun seħħ għal benefiċċju tagħha, dak li l-liġi brittanika tiddefinieh bħala *the identification doctrine* jew *the alter ego theory*. Din it-teorija rat it-twelid tagħha f' tlett pronunzjamenti ġudizzjarji li jirrisalu għas-snin erbgħin spiss iċċitati *DPP v Kent and Sussex Contractors Ltd.*[3], *R v ICR Haulage Co Ltd.*[4], u *Moore v I Bresler Ltd.*[5], fejn kien stabbilit illi l-*mens rea* fil-*manager* ta' kumpanija akkużat bil-kummissjoni tar-reat kien jikkostitwixxi l-element intenzjonali tal-kumpanija stess. U dan għaliex il-kumpanija tista' titkellem u taġixxi biss permezz tal-uffiċjali tagħha. Iżda kien hekk deċiż:

---

[3] (1944) KB186, (1944) 1 All ER 199
[4] (1944) KB 551, 30 AC 31
[5] (1944) AC 153, 173

> ***"It is not every responsible agent or high executive or agent acting on behalf of a company who can by his actions make the company criminally responsible. It is necessary to establish whether the natural person or persons in question have the status and authority which in law make their acts in the matter under consideration the acts of the company, so that the natural person is to be treated as the company itself. It is necessary for the judge to invite the jury to consider whether or not there are established those facts which the judge decides, as a matter of law, are necessary to identify the person concerned with the company.[6]"***

**17.** Illi allura, għalkemm kif sewwa stqarret il-Qorti Kriminali huwa biss matul il-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li ser ikun possibbli jiġi stabbilit jekk l-att materjali u l-element formali meħtieġ għal kummissjoni tar-reat sarx mill-appellanti bħala uffiċjal awtorizżat tal-kumpanija, u dan għal benefiċċju tal-kumpanija sabiex b'hekk l-aġir inkriminatorji jista' jkun attribwit lil dik il-kumpanija, madanakollu finalment hija l-kumpanija li tkun ikkundannata għal piena ravviżżata fl-artikolu 121D u 248E(4A) tal-Kodiċi Kriminali u mhux l-appellanti, sabiex l-Avukat Ġenerali erronjament jimputa din il-piena lill-appellanti personalment. F'tali xenarju fejn hemm ix-xilja fit-termini ta'l-artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni trid tidentifika min huma id-diriġenti tal-kumpanija billi jitressqu provi dwar il-kostituzzjoni tal-kumpanija tramite *memoranda*/artikoli ta' assoċjazzjoni, responsabbiltajiet tad-diretturi u uffiċjali oħra fil-kumpanija fost oħrajn u dan bil-għan illi lil dak il-korp ġuridiku jkun imputat il-kummissjoni tar-reat.

**18**. Issa il-Qorti hija rinfaċċjata bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali jonqos milli jixli lil dawn il-kumpaniji bħala persuni ġuridiċi indipendentement mill-persuna fiżika tal-appellanti, u allura f'dan ix-xenarju huwa impossibbli illi l-qorti tgħaddi għall-erogazzjoni tal-piena fil-konfront ta' dawn il-kumpaniji fl-eventwalita' illi jkun stabbilit fil-ġuri illi l-appellanti hija ħatja biss fil-parametri stabbilti fl-artikolu 121D u 248E tal-Kodiċi Kriminali. Dan għaliex bil-mod kif inhi redatta l-akkuża huwa evidenti illi l-appellanti hija mixlija fil-

---

[6] *R. v Andrews Weatherfoil* [1972] 56 C.App.R. 31 CA

kapaċita vikarja tagħha u dan fit-termini ta'l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249, dispożizzjoni tal-liġi, li madanakollu ma hijiex indikata mill-Avukat Ġenerali, u mhux fit-termini ta'l-artikoli 121D u 248E, billi hija biss kontra l-appellanti li nħarrġet l-Att ta'l-Akkuża.

**19.** Illi għalkemm l-appellanti teċċepixxi illi dan l-iżball fl-Att ta'l-Akkuża dwar l-indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu dwar ir-reat iġib miegħu in-nullita', madanakollu fir-rikors ta'l-appell, kif ukoll fit-trattazzjoni orali magħmul quddiem din il-Qorti mill-abbli difensur tal-appellanti, huwa konċess minnu illi l-Qorti għandha is-setgħa tikkoreġġi dan l-iżball.

**20.** Fil-fatt l-artikolu 599(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> **Kull żball fir-riferenza għall-artikolu ta' dan il-Kodiċi, jew ta' liġi oħra li ssemmi l-piena li l-applikazzjoni tagħha tkun ġiet mitluba fl-att tal-akkuża, jista' jiġi ikkorreġut f'kull żmien sakemm tingħata s-sentenza.**

Jikkonsgewi għalhekk illi b'din is-setgħa mogħtija lilha, l-Qorti ser tgħaddi biex tissana dan l-iżball. Illi jingħad ukoll illi għalkemm fil-verbal tas-seduta tat-08 ta' Frar 2024, l-Avukat Ġenerali irtira l-artikolu 83A u 83A(4) mill-akkuża, madanakollu ma jidhirx illi l-Qorti Kriminali ordnat il-korrezzjoni sabiex jirrifletti dan it-tibdil u għalhekk tali korrezzjoni ser tiġi ukoll ordnata minn din il-Qorti sabiex l-Att ta'l-Akkuża tkun issanata b'mod ħolistiku.

**21.** Għaldaqstant bis-saħħa mogħtija lilha bl-artikolu 599 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna illi mill-parti akkużatorja ta'l-Att ta'l-Akkuża l-artikoli tal-liġi 83A(1)(4), 121D, 248E(3) u 248E(4A) tal-Kodiċi Kriminali għandhom jitħassru. Tordna ukoll illi l-kliem "u fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 83A(1)(4) u 121D rispettivament", kif ukoll il-kliem "kif ukoll multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf ewro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun ewro (€2,000,000)" għandhom jitħassru.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata, u filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u ir-raba' eċċezzjoni u fejn ċaħdet il-ħames u s-sitt eċċezzjoni, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn kienu miċħuda l-ewwel u it-tieni eċċezzjonijiet preliminari imressqa minnha, u tilqagħhom parzjalment, fis-sens illi, għalkemm il-Qorti tiċħad it-talba għan-nullita ta' l-att ta' l-akkuża, tordna illi bis-saħħa mogħtija lilha fl-artikolu 599 tal-Kodiċi Kriminali jsiru s-segwenti korrezzjonijiet fil-parti akkużatorja tal-att ta'l-akkuża u ċioe' <u>l-artikoli tal-liġi 83A(1)(4), 121D, 248E(3) u 248E(4A) tal-Kodiċi Kriminali għandhom jitħassru. Tordna ukoll illi l-kliem "u fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 83A(1)(4) u 121D rispettivament", kif ukoll il-kliem "kif ukoll multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf ewro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun ewro (€2,000,000)" għandhom jkunu mħassra.</u>**

**Tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Qorti Kriminali għal prosegwiment tas-smigħ tal-każ skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**